

32004R0432

10.3.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 71/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 432/2004

tal-5 ta' Marzu 2004

li jaddatta għat-tmien darba għall-progress tekniku r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar it-tagħmir ta' rrekordjar fit-trasport stradali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 ta' l-20 ta' Diċembru 1985 dwar it-tagħmir ta' rrekordjar fit-trasport stradali ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I B tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3821/85 jiġbor l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-kostruzzjoni, ittestjar, istallazzjoni u spezzjoni ta' tagħmir ta' rrekordjar ta' trasport stradali.
- (2) Waqt li tittieħed attenzjoni speċjali għas-sigurta ġenerali tas-sistema u ta' l-interoperabilità bejn it-tagħmir ta' rrekordjar u l-karti tat-takografu, ċerti speċifikazzjonijiet tekniċi, miġbura fl-Anness I B mar-Regolament (KE) Nru 3821/85 għandhom ikunu emendati.
- (3) Il-miżuri li jipprovdi għalihom dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 3821/85,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I B tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85 huwa emendat kif ġej:

1. fil-Kapitlu IV, il-paragrafu 1, ir-reqwiżit 172, il-kelmiet "KAPTA OΔHOY" għandhom ikunu ssostitwiti bi "KAPTA OΔHFOY";
2. fil-Kapitlu IV, il-paragrafu 5.3.9, ir-reqwiżit 227, il-kelmiet "għan ta' kalibrizzjoni (l-ewwel istallazzjoni, istallazzjoni, spezzjoni perjodika)" għandhom ikunu ssostitwiti bi "għan ta' kalibrizzjoni (attivazzjoni, l-ewwel istallazzjoni, istallazzjoni, spezzjoni perjodika)";
3. fl-Appendiċi 1, il-paragrafu 2.2.9, l-aħħar żewġ linji għandhom ikunu ssostitwiti b'li ġej:
 - "aa'H Indiċi għal tibdiliet fl-istruttura, '00h' għal din il-versjoni
 - 'bb'H Indiċi għal tibdiliet dwar l-użu ta' l-elementi tad-data ddifiniti għall-istruttura mogħtija bil-byte għolja, '00h' għal din il-versjoni."
4. fl-Appendiċi 1, fl-aħħar tal-paragrafu 2.6.7, in-nota li ġejja f'qiegħ il-paġna għandha tidzied:
 - "Nota f'qiegħ il-paġna: Lista aġġornata ta' kodiċijiet li jidentifikaw il-manifatturi għandha tkun disponibbli fuq il-website ta' l-Awtorita Ewropea ta' Ċertifikazzjoni."
5. fl-Appendiċi 2, il-paragrafu 3.6.3, ir-reqwiżit TCS_333, il-ħames inċiż, il-formola "(Offset + Le > EF qies)" għandha tkun issostitwita bi "(Offset + Lc > EF qies)";
6. fl-Appendiċi 2, il-paragrafu 3.6.7, ir-reqwiżit TCS_348, it-tielet kolonna, il-valur "Ceh" għandu jkun issostitwit bi "C2h";
7. fl-Appendiċi 7, il-paragrafu 2.2.2, fir-raba' linja tat-tmien kolonna d-data "8F"EA" għandha tkun issostitwita bi "EA"8F";
8. fl-Appendiċi 7, il-paragrafu 2.2.2.2, ir-reqwiżit DDP_006, ir-referenza għal "8F"EA" għandha tkun issostitwita bi "EA"8F";
9. fl-Appendiċi 7, il-paragrafu 2.2.6.5, ir-reqwiżit DDP_033, it-Tul (Bytes) "(164)" għandu jkun issostitwit bi "(167)";
10. fl-Appendiċi 8, il-paragrafu 8.2, ir-reqwiżit CPR_075:
 - a) fl-intestatura tat-tabella 40 ir-referenza "rekord-Identifikur tad-Data valur # F00B" għandha tkun issostitwita bi "rekord-Identifikatur tad-Data valur # F90B";
 - b) fit-tielet kolonna tat-tabella 40 (Ambitu ta' opera) ir-referenza għal "-59 sa 59 min" għandha tkun issostitwita bi "-59 sa + 59 min";
11. fl-Appendiċi 8, il-paragrafu 8.2, ir-reqwiżit CPR_076, fl-intestatura tat-tabella 41 ir-referenza "rekord Identifikatur tad-Data valur # F022" għandha tkun issostitwita bi "rekord Identifikatu tad-Data valur # F922";
12. fl-Appendiċi 8, il-paragrafu 8.2, ir-reqwiżit CPR_078, fl-intestatura tat-tabella 42 ir-referenza "rekord Identifikatur tad-Data valur # F07E" għandha tkun issostitwita bi "rekord Identifikatur tad-Data valur # F97E";
13. fl-Appendiċi 10, il-paragrafu 4.2, il-kelmiet "u karta tal-kumpanija" għandha tkun inserita wara l-kelmiet "karta ta' kontroll";
14. fl-Appendiċi 10, il-paragrafu 4.2.3, il-kelmiet "L-assenjamenti li ġejjin" għandhom ikunu ssostitwiti bi "Addizzjonalment l-assenjamenti li ġejjin";

⁽¹⁾ ĠU L 370, tal-31.12.1985, p. 8.

⁽²⁾ ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1.

15. fl-Appendiċi 10, il-paragrafu 4.3.2, il-kelmiet "GENERAL_READ: Id-data ta' l-utent tista' tinqara mit-TOE minn kull utent, ħlief data ta' identifikazzjoni tal-possessur tal-karta li tista' tinqara mill-karti ta' kontroll mill-VEHICLE_UNIT biss." Għandhom ikunu ssostitwiti bi "GENERAL_READ: Id-data ta' l-utent tista' tinqara mit-TOE minn kull utent, ħlief data ta' identifikazzjoni tal-possessur tal-karta li tista' tinqara mill-karti ta' kontroll u karti tal-kumpanija bi VEHICLE_UNIT biss.";
16. fl-Appendiċi 11, il-paragrafu 2.2.1, ir-rekwiżit CSM_003, il-kelmiet "Esponent pubbliku, e, għal kalkulazzjonijiet RSA għandu jkun differenti minn 2 *inn all generated RSA keys*." Għandhom ikunu ssostitwiti bi "Esponent pubbliku, e, għal kalkulazzjonijiet RSA huwa *integer* bejn 3 u $n-1$ *satisfying* $\gcd(e, \text{lcm}(p-1, q-1))=1$.";
17. fl-Appendiċi 11, il-paragrafu 3.3.1, ir-rekwiżit CSM_017, nota 5, 5.1, it-tieni tabella, fit-tieni kolonna il-kelmiet "ikko-difikar BCD" għandhom ikunu ssostitwiti bi "Integer";
18. fl-Appendiċi 11, 3.3.2, ir-rekwiżit CSM_018, il-kelmiet "ħlief għall-Anness A.4 tiegħu," għandhom ikunu inseriti wara l-kelmiet "skond ISO/IEC 9796-2,";
19. fl-Appendiċi 11, il-paragrafu 4, ir-rekwiżit CSM_020, fuq in-naħa tax-xellug tat-tieni dijagramma, fl-għaxar kaxxa, il-kelma "firma" għandha tkun issostitwita bi "firma*".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-5 ta' Marzu 2004.

Għall-Kummissjoni

Loyola DE PALACIO

Viċi-President